# Il-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Floriana nbniet bħala wegħda



**Max Farrugia**

Il-kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Floriana li tinsab bejn il-knisja parrokkjali, u knisja oħra li fi-żmien l-Ingliżi kienet tintuża bħala Knisja tal-Metodisti, komunement hija magħrufa bħala ta' Sarria. Tissejjaħ hekk minħabba li l-knisja oriġinali kienet inbniet u tħallset mill-Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann Martin de Sarria. Kienet tlestiet fis-sena 1585.

Tajjeb wieħed jgħid li din il-knisja li naraw illum mhix dik oriġinali imma oħra li kienet inbniet minflokha madwar mitt sena wara fi żmien il-Gran Mastru Nikol Cotoner bħala wegħda. Li kien ġara huwa, li fl-1675, f'Malta faqqgħet pesta kbira li qerdet eluf ta' nies, tant, li kien hemm il-biża' li xejn ma seta' jwaqqaf din il-mewġa qerrieda.

Il-Gran Mastru Cotoner, li kien magħruf ħafna bħala membru tal-Ordni li kien devot kbir tal-Immakulata Kunċizzjoni, għamel wegħda li jekk il-pajjiż jinħeles minn din il-pjaga qerrieda tinbena knisja ddedikata lill-Madonna barra s-swar tal-Belt, kif fil-fatt kien sar. U allura nistgħu ngħidu liberalment li din il-knisja hija kkunsidrata bħala ex-voto. Marbuta mal-wegħda ma' din il-knisja kien hemm ukoll li f'xi ġurnata minn żmien il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni jkun hemm purċissjoni li kienet tibda mill-Katidral ta' San Ġwann u tispiċċa f'din il-knisja.

Huwa dokumentat li l-pesta ġiet fi tmiemha lejn l-aħħar tal-1677 u din il-wegħda bdiet titwettaq billi minflok il-kappella oriġinali li kien bena Sarria bdiet tinbena dik li hemm illum. Din il-knisja hija xogħol kombinat ta' Mattia Preti li kien għamel id-disinji tagħha kollha filwaqt li x-xogħol ħa ħsiebu l-Malti Lorenzo Gafa. Nafu li parti minn din il-wegħda bdiet tiġi osservata mill-ewwel tant li fil-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta minn wara l-pesta kienu jsiru funzjonijiet reliġjużi fit-8 ta' Diċembru konnessi ma' din il-festa.

Meta tlestiet din il-knisja fil-Floriana, kienet issir il-purċissjoni b'solennità kbira li fiha kienu jieħdu sehem l-ogħla awtoritajiet tal-Ordni tal-Kavallieri mmexxija mill-Gran Mastru u l-Gran Pirjol tal-Ordni. Tajjeb wieħed jgħid li wara li l-Ordni ta' San Ġwann sfat imkeċċija mill-Franċiżi u anki għal xi żmien taħt il-perjodu Ingliż, din il-purċissjoni baqgħet issir fejn post il-Gran Mastru, ħadu l-Isqof u miegħu kienu jingħaqdu l-kapitlu tal-Katidral, dak tal-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt u anki diversi qassisin u patrijiet. Għal dawn l-aħħar 20 sena din il-purċissjoni ma baqgħetx issir.

Din il-kappella, li nbniet għal din il-wegħda, għandha disinn differenti minn ħafna knejjes oħra peress li għanda forma tonda. Hija ta' daqs normali ħafna għal dak iż-żmien u ma nsibux ħafna lussu bħal dawk li kienu jibnu l-kavallieri. Imma nsibu diversi pitturi interessanti ħafna. Fost it-teżori tal-arti f'din il-knisja għad hemm pittura sabiħa tal-Kavallier Sarria, u oħra tal-Gran Mastru Cotoner, iż-żewġ personaġġi li kellhom x'jaqsmu dirett maż-żewġ knejjes.



It-titular ta' din il-knisja, li ġie rrestawrat f'dawn l-aħħar snin huwa attribwit lil Mattia Preti u juri l-Kunċizzjoni mdawra bl-anġli. L-ikonografija turi lill-anġli qed

ipoġġu x-xwabel f'posthom. Għalkemm f'dawk iż-żminijiet ma kienx hawn assedji mit-Torok, studjużi tal-arti jgħidu li dan is-sinifikat huwa r-rebħa li saret bl-interċessjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni fuq il-pesta u li għaliha nbniet din il-knisja b'wegħda.

Insibu ħafna kwadri f'din il-knisja li wkoll jingħad li huma xogħol il-Preti. Fost dawn hemm Santu Rokku, San Bastjan u San Nikola li huma l-protetturi, fost oħrajn, kontra l-pesta. Max-xogħlijiet ta' dan l-artist hemm ukoll oħrajn ta' artisti famużi. Insibu wkoll numru ta' statwi sbieħ ħafna, fosthom, tal-Qalb ta' Ġesù, San Ġużepp u oħra tad-Duluri.

Din il-kappella, għal ħafna snin baqgħet tiġi amministrata mill-Ordni tal-kavallieri tant, li bħal knejjes oħra li kienu jaqgħu taħt l-Ordni, jew inkella nbnew mill-Ordni kienu jġibu s-salib bi tmien pont li huwa magħruf bħala s-salib tal-Kavallieri. Kien hemm żmien meta l-Ordni xtaqet li din il-kappella ssir parroċċa għal-lokalità ta' barra l-Belt liema akkwata kienet kibret mhux ħażin. Il-Gran Mastru De Vilhena li kif nafu għandu rabtiet kbar mal-Floriana kien għamel talba formali fis-sena 1724 lill-Vatikan sabiex din il-knisja ssir parroċċa imma xorta waħda tibqa' tiġi amministrata mill-Ordni. L-Isqof Taljan Gaspare Gori Mancini (1722-1727) ma kienx qabel ma' din il-proposta imma xtaq li meta l-Floriana ssir Parroċċa jkollha knisja mmexxija mid-Djoċesi u mhux mill-Ordni. Nafu li mhux l-ewwel darba li l-Gran Mastru, l-Isqof u anki l-Inkwiżitur ma kenux jaqblu bejniethom u kien hemm każi wkoll fejn kellu anki jidħol il-Vatikan sabiex l-affarijiet jirranġaw. Sabiex ma jinqalax inkwiet il-Gran Mastru ma oġġezzjonax għax-xewqa tal-Isqof peress li Monsinjur Mancini kien wiegħed li se tinbena knisja oħra. Din il-wegħda nistgħu ngħidu li nżammet mill-Knisja f'Malta iżda taħt Isqof ieħor minħabba li l-Isqof Gori Mancini kien laħaq miet qabel ma tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida nhar it-2 ta' Awwissu 1733 mill-Isqof Alferan De Bussan. Il-knisja Parrokkjali ġdida kienet iddedikata lil San Publju.

Il-knisja ta' Sarria qatt ma kienet serviet ta' Knisja Parrokkjali iżda nsibu dokumentat li matul l-aħħar gwerra, meta nhar it-28 ta' April 1942 il-knisja ta' San Publju sfat imġarrfa mill-għadu, għal ftit aktar minn sentejn, Sarria assummiet l-irwol ta' Knisja Parrokkjali. Infatti jekk wieħed jidħol fis-sagristija ta' din il-knisja (Sarria) jsib lapida li tfakkar dik l-okkażjoni storika.

Fuq il-binja proprja ta' din il-knisja u anki l-kwadri ppitturati li jinsabu ġo fiha sar ħafna xogħol ta' restawr, liema ħidma ilha għaddejja għal dawn l-aħħar ħdax-il sena.

